# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum l-Erbgha, 16 ta' Gunju 2021**

**Kawza Numru: 8**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 362/21 JVC**

**Jimmy (John Mary) Chetcuti [K.I. Nru. 59468(M)]**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat fejn ir-rikorrenti John Mary *sive* Jimmy Chetcuti kkonfermat bil-gurament u talab kif isegwi:

'Dikjarazzjoni tal-Oġġett tal-Kawża

1. Ir-rikorrenti twieled f' Ħ'Attard fl-20 ta' Jannar 1968 minn Saviour Chetcuti u Catherine née Said u dan skont iċ-Ċertifikat tat-Twelid numru 100802 tal-1968 (Dok A).
2. Kif premess fl-Att tat-Twelid tiegħu, ir-rikorrenti ingħata l-isem "John-Mary, Paul, Alexander Joseph", b'dan illi kellu jissejjaħ "Jimmy (John Mary)" iżda, ilu ħajtu kollha juża l-isem "Jimmy" bħala l-isem li bih jiġi msejjaħ, kif ukoll huwa magħruf u konsistentament imsejjaħ bħala "Jimmy" kemm mill-familjari, konoxxenzi u kollegi tiegħu.

3. Ir-rikorrenti huwa impjegat ta' Sherries Estates, u huwa jaħdem bħala xufier barra minn Malta, għalhekk il-karta tas-sewqan tiegħu **(Dok L)** hija waħda mill-aktar dokumenti importanti għar-rikorrenti u dan sabiex ikun jista' jaqdi dmirijietu.

4. Il-karta tas-sewqan tar-rikorrenti li skadiet f'Marzu 2021 kienet tindika ismu bħala "Jimmy", iżda l-karta tas-sewqan il-ġdida tar-rikorrenti, tidentifika lir-rikorrenti bħala "John Mary". **(Ara Dok L).** Din l-inkonsistenza qiegħda tikkawżalu problemi prattiċi mal-awtoritajiet barranin, speċjalment Taljani u għalhekk ir-rikorrenti għandu interess skont il-liġi, *inter alia ai* termini tal-artikolu 253(2) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta, li ssir id-debita annotazzjoni fl-att tat-twelid kif ukoll fl-atti l-oħra kollha tal-ħajja ċivili tal-esponenti sabiex ikun hemm konsistenza fl-identità tar-rikorrenti.

5. "Jimmy" mhix verżjoni imqassra jew abbrevjazzjoni tal-ismijiet li jidhru fl-att tat-twelid relattiv tar-rikorrenti, iżda wieħed u l-ewwel, isem li huwa ingħata u li bih huwa kellu jissejjaħ.

6. Illi dan premess huwa rifless ukoll f'numru ta' dokumenti uffiċjali f'isem ir-rikorrenti, fosthom fuq iċ-ċeritfikat taż-żwieġ tiegħu fejn huwa indikat bħala "Jimmy (John-Mary)" Chetcuti.(**Ara Dok B**)

7. In oltrè fIċ-ċertifikati tat-twelid ta' uliedu Stephanie, Josefa u Silvan ma hemmx konsistenza ta' kif huwa identifikat ir-rikorrenti, b'dan illi fiċ-ċertifikat tat-twelid ta' Stephanieu ta' Josefa **(Dok Ċ u Dok D),** ir-rikorrenti kien imniżżel bħala "Jimmy (John-Mary)", filwaqt li fiċ-ċertifikat tat-twelid ta' Silvan, ir-rikorrenti kien imniżżel bħala "John-Mary Chetcuti" **(ara Dok E)**.

8. ***Tul ħajtu kollha, ħadd qatt ma jsejjaħ lir-rikorrenti: "Jimmy (John Mary)".***

9. L-FS3s tar-rikorrenti jirreferu għar-rikorrenti bħala "Jimmy" biss. **(Ara Dok F).**

10. Fil-karta tal-identità tiegħu, ir-rikorrenti jidher bħala "Jimmy (John-Mary)" **(ara Dok G),** filwaqt fil-liċenzja tas-sewqan tiegħu, ir-rikorrenti huma indikat bħala "John Mary" **(Dok H).**

11. Il-karti bankarji tar-rikorrenti kollha jirreferu għar-rikorrenti bħala "Jimmy" **(ara Dok I).**

12. Fil-karta tal-*European Health Insurance,* ir-rikorrenti huwa indikat bħala "Jimmy (John-Mary)" **(ara Dok J),** filwaqt li fil-karta tal-*Association of Arms Collectors & Target shooters*, il-liċenzja issejjaħ lil "Jimmy" **(Dok K).**

L-esponenti għandu interess li l-atti kollha fosthom l-Att tat-Twelid tiegħu personali u dak tat-tliet uliedu, kif ukoll iċ-Ċertifikat taż-Żwieġ u atti oħra li jista' jkollu fil-futur, jinbidlu sabiex ikunu jirriflettu l-isem li huwa u l-familjari tiegħu konsistentament jużaw bħala l-isem li bih jissejjaħ u huwa magħruf u cioe' l-isem "Jimmy" u mhux "Jimmy (John Mary)" jew "John Mary" biss.

<u>Raġuni tat-Talba</u>

Għaldaqstant kellhom jiġu istitwiti dawn il-proċeduri.

<u>**Talbiet**</u>

**Jgħid għalhekk l-intimat, 'l għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex, prevja kwalunkwe dikjarazzjoni u/jew ordni meqjusa neċessarja u opportuna:**

1. Tordna l-pubblikazzjoni tal-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern, skont il-Formula B fit-Taqsima II tal-Ewwel Skeda tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta, ai termini tal- artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

2. Tiddikjara u tiddeċiedi illi r-rikorrenti huwa konsistentament imsejjaħ u magħruf bħala "Jimmy" u mhux bħala "Jimmy (John Mary)" jew "John Mary".

3. Tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex dan jiġi rifless f'kull att tal-istat ċivili tal-esponent u sussegwentament tordna illi jsiru l-korrezzjonijiet kollha neċessarji ai termini tal-Art 253 eċċ tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta, fl-Att tat-Twelid tar-

rikorrenti, fl-atti tat-twelid tat-twelid tat-tfal tar-rikorrenti, *ossia* Stephanie, Josefa u Silvan Chetcuti, kif ukoll fl-att taż-żwieġ tar-rikorrenti, sabiex isem ir-rikorrenti jiġi konsistentement indikat bħala "Jimmy" minflok "Jimmy (John Mary)".

4. Tordna illi l-Atti l-oħrajn kollha li r-rikorrenti jista' jkollu fil-futur ikunu jirriflettu l-isem li huwa, il-familja tiegħu, sħabu u kollegi konsistentament jużaw bħala l-isem li bih jissejjaħ u huwa magħruf ċioè "Jimmy" minflok l-isem "Jimmy (John Mary)".

Bl-ispejjeż kollha jmorru kontra l-intimati, li jinsabu minn issa inġunti għas-subizzjoni.'.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li eccepixxa kif isegwi:

1. 'Illi għal dak li jikkonċerna l-mertu tal-kawża odjerna, l-esponent jirrileva li mhuwiex edott mill-fatti li ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat;

2. Illi r-rikorrent twieled nhar l-20 ta' Jannar, 1968 u ngħata l-ismijiet 'John-Mary, Paul, Alexander, Joseph' b'dan illi kellu jissejjaħ bl-ismijiet 'Jimmy (John-Mary)', u dan kif jixhed l-Att tat-Twelid tiegħu, hawn anness u mmarkat 'Dok. DRP 1', li jġib in-numru ta' iskrizzjoni 594 tas-sena 1968. Kif jixhed l-istess Att, kien missier ir-rikorrent, u cioe Saviour Chetcuti, illi għamel id-dikjarazzjoni relattiva, u għalhekk ma jistax jingħad illi sar xi żball da parti d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku fir-reġistrazzjoni tal-Att tat-Twelid tar-rikorrent. Di fatti, kemm mid-dikjarazzjoni maħlufa tar-rikorrent, kif ukoll mill-Att tat-Twelid tar-rikorrent ma jidhirx

li kien effettivament sar xi żball jew saret xi ommissjoni mill-esponent;

3. Illi l-ismijiet ta' 'Jimmy (John-Mary)', b'liem ismijiet ir-rikorrent kellu jissejjaħ skont l-Att tat-Twelid suespost, ġew riflessi fl-Att taż-Żwieġ tar-rikorrent li jġib in-numru ta' iskrizzjoni 1520 tas-sena 1990, hawn anness u mmarkat bħala 'Dok. DRP 2', u fl-Atti tat-Twelid ta' bintu Josefa u ta' bintu Stephanie, li jġibu n-numri ta' iskrizzjoni 902 tas-sena 1996 u 1081 tas-sena 1998 rispettivament, hawn annessi u mmarkati bħala 'Dok. DRP 3' u 'Dok. DRP 4' rispettivament. Kif jixhdu l-istess Atti, kien ir-rikorrent stess li kkonferma d-dettalji relattivi ta' kull Att imsemmi. Madanakollu, fl-Att tat-Twelid ta' ibnu Silvan li jġib in-numru ta' iskrizzjoni 4244 tas-sena 1992, hawn anness u mmarkat bħala 'Dok. DRP 5', isem ir-rikorrent huwa indikat bħala 'John Mary' u mhux bħala 'Jimmy (John-Mary). Kif jixhed l-istess Att, kien ukoll ir-rikorrent stess li kkonferma dawn id-dettalji għaliex kien hu illi għamel id-dikjarazzjoni relattiva;

4. Illi għal dak li jikkonċerna mal-mertu tal-kawża l-esponent jirrimetti ruħu għad-deċiżjoni ta' din l-Onorabbli Qorti salv però li l-provi miġjuba jkunu l-aħjar u sodisfaċenti f'għajnejn il-liġi;

5. Illi riferibbilment għat-tielet talba tiegħu, ir-rikorrent qiegħed jitlob ukoll sabiex il-bdil effetwat fl-Att tat-Twelid tar-rikorrent jiġi rifless ukoll f'kull att tal-iStat Ċivili ieħor relattiv għar-rikorrent. Illi mingħajr preġudizzjoni għas-suespost, f'każ li din l-Onorabbli Qorti tilqa t-talbiet attriċi u tordna l-bidla tal-isem 'Jimmy (John-Mary)' sabiex l-isem tar-rikorrent jiġi jinqara bħala 'Jimmy' fl-Att ta' Twelid tiegħu, fl-Atti tat-Twelid tat-tfal tar-rikorrent u fl-Att taż-Żwieġ tar-rikorrent, l-esponent umilment jirrimarka illi sabiex ikun jistgħa jsir tibdil fi kwalunkwe Att tal-iStat Ċivili ieħor, ir-

rikorrent għandu jispeċifika liema huma dawn l-atti billi jirreferi għan-numru progressiv u s-sena ta' kull att relattiv. Illi l-esponent jirrileva wkoll li ai termini tal-Artikolu 253 tal-Kodiċi Ċivili korrezzjoni tista' ssir biss f'dawk l-Atti tal-iStat Ċivili relattivi kollha u mhux f'dokumenti uffiċċjali bħal karta tas-sewqan;

6. Illi finalment, mingħajr ħsara għall-premess, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli għal xi għemil da parti tal-esponent u kwindi huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

7. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrent li qiegħed jiġi inġunt in subizzjoni.'.

Rat id-dokumentazzjoni kollha annessa mar-rikors guramentat fosthom diversi certifikati, FS3, karta tal-identita' tar-rikorrenti, licenzja tas-sewqan, karta tal-bank u dokumenti ohra li lkoll jevidenzjaw illi r-rikorrent fil-fatt huwa konsistentement maghruf biss bl-isem ta' Jimmy u mhux 'Jimmy (John Mary)'.

Rat l-affidavits tar-rikorrent u ohrajn esebiti a fol. 26 *et sequitur* tal-process fejn fil-fatt jikkonfermaw illi r-rikorrent huwa maghruf bl-isem biss ta' Jimmy u mhux dak ta' John Mary.

Rat illi saret id-debita pubblikazzjoni a fol. 23 u 24 tal-process;

Fic-cirkostanzi l-Qorti tqis illi t-talbiet tar-rikorrenti huma gustifikati u ser tghaddi sabiex tilqa' l-istess.

**<u>Decizjoni:</u>**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti tghaddi sabiex taqta' u tiddeciedi din il-kawza kif isegwi :

1. Tichad l-eccezzjonijiet tad-Direttur tar-Registru Pubbliku sakemm dawn huma inkompatibbli ma' dak hawn deciz.

2. Tiddikjara l-ewwel talba sorvolata.

3. Tilqa' t-tieni talba u tiddikjara u tiddeċiedi illi r-rikorrenti huwa konsistentement imsejjaħ u magħruf bħala "Jimmy" u mhux bħala "Jimmy (John Mary)" jew "John Mary" wahdu.

4. Tilqa' t-tielet talba u tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex dan jiġi rifless f'kull att tal-istat ċivili tar-rikorrent u tordna illi jsiru l-korrezzjonijiet kollha neċessarji ai termini tal-Art 253 *et seq* tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta, fl-Att tat-Twelid tar-rikorrent li jgib in-numru 594 tas-sena 1968, u kif ukoll fl-atti tat-twelid tat-tfal tar-rikorrenti, *ossia* Stephanie bin-numru tar-registrazzjoni 1081 tal-1998, Josefa bin-numru tar-registrazzjoni 902 tas-sena 1996 u Silvan bin-numru tar-registrazzjoni 4244 tal-1992 u fic-certifikat taż-żwieġ li jgib in-numru tar-registrazzjoni 1520 tas-sena 1990, u dan sabiex isem ir-rikorrenti jiġi konsistentement indikat fihom bħala "Jimmy" minflok "Jimmy (John Mary)".

5. Tichad ir-raba' talba stante li tirreferi ghal-cirkustanzi fil-futur w'ghalhekk legalment mhux ammissibbli;

Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi notifikat b'kopja tas-sentenza ta' din il-Qorti u dan skont l-artikolu 256 tal-Kap 16

tal-Ligijiet ta' Malta.

Fic-cirkostanzi l-ispejjez ghandhom jigu sopportati mill-istess rikorrent.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**16 ta' Gunju, 2021**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**16 ta' Gunju, 2021**